MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2013

Numru. 731/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Jose Carlos Jimeno Gil iben Antonio u Petra nee` gil imwieled Spanja nhar is-16 ta’ Marzu 1985 u residenti gewwa 82-83, Flat 5. Lapsi Street, San Giljan, Malta u detentur tal-karta tal-identita` Spanjola numru 02278017M**

**Victor Manuel Delgado Alvarez iben Victor u Isabel nee` Alvarez imwieled Spanja nhar it-02 ta’ Ottubru, 1984 u residenti gewwa 39, Saint Vincent Street, Sliema, Malta u detentur tal-karta ta’ l-identita` Spanjola bin-numru 53615104B**

**Isabel Pas Delgado Alvarez bint Victor u Isabel nee` Alvarez imwielda Spanja nhar il-11 ta’ Dicembru 1988 u residenti gewwa 39, Saint Vincent Street, Sliema,**

**Malta u detentur tal-karta ta' l-identita` Spanjola 53730228C**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli nhar it-02 ta' Awissu 2013, gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq Davide Troncon hekk kif iccertifika Dr. T. Buttigieg M.D. detentur ta' numru tar-registru mediku 1903 gewwa l-Isptar Saint James;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, matul il-lejl volontarjament kisru l-bon ordni jew kwiet tal-pubbliku.

Victor Manuel Delgado Alvarez wahdu gie akkuzat talli:

3. Bil-hseib li jaghmel delitt cioe` minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta jikkometti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Davide Troncon u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-parte leza Davide Troncon jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati billi l-parte leza irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit billi l-azzjoni tiddependi necessarjament fuq il-kwerela tal-parte leza.

Rigward it-tieni akkuza l-imputati kollha qed jinstabu hatja filwaqt illi l-imputat Victor Manuel Delgado Alvarez wahdu qed jinstab hati tat-tielet akkuza u fid-dawl tal-ammissjoni taghhom il-Qorti ma tistax hlief isibhom hatja tal-istess.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fatt illi l-parte leza hafritilhom ghall-akkadut u l-imputat Victor Manuel Delgado Alvarez ser jikkumpensa lil parte leza ghad-danni ikkagunati minnu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputati kollha u fil-konfront tal-imputat Victor Manuel Delgado Alvarez l-artikoli 41(1)(a), 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tal-ewwel akkjuza issib lill-imputat Jose Carlos Jimeno Gil u ll-imputata Isabel Paz Delgado Alvarez hatja tat-tieni akkuza u tikkundannahom reprensjoni u ammonizzjoni u lill-imputat Victor Manuel Delgado Alvarez hati tat-tieni u t-tielet akkuza u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommmettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huiwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lil Victor Manuel Delgado Alvarez ihallas lil part leza s-somma ta' erba' mitt euro (€400) u dan fi zmien jumejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------